newsbook.com.mt

LOKALI

# 54 karozza elettrika ġdida f'Malta din is-sena

*Stefan Pullicino - 11/11/17 09:49 AM*

Dan hekk kif tħabbar li l-Gvern qed jestendi għat-tieni darba l-Iskema għax-Xiri ta' Vetturi Elettriċi.



Transport Malta qalet li flimkien mal-Ministeru għat-Trasport qed iġedded din l-iskema b'investiment ta' €150,000.

Jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema individwi, kunsilli lokali, NGOs u kumpaniji privati. Is-sussidju massimu jlaħħaq sa €8,000 kemm il-darba jiġu sodisfati ċerti kriterji.

L-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu billi tagħfas hawn.